

32000D0822

30.12.2000

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 336/92

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-22 Diċembru 2000

fuq il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija dwar miżuri ta' liberalizzazzjoni reċiproċi u emendi għall-Protokoll ta' l-Agrikultura fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KE/Tuneżija

(2000/822/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ewropea partikolarment l-Artikolu 133, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 300(2), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) L-Artikolu 16 tal-Ftehim Ewro-Mediterran jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika tat-Tunesija, fuq l-oħra ⁽¹⁾, li ilu fis-seħħ mill-1 ta' Marzu 1998, jgħid li l-Komunità u t-Tuneżija għandhom gradwalment jilliberalizzaw il-kummerċ reċiproku tagħhom fil-prodotti ta' l-agrikultura u tas-sajd.
- (2) L-Artikolu 18 tal-Ftehim Ewro-Mediterran jipprovdi li mill-1 ta' Jannar 2000 il-Komunità u r-Repubblika tat-Tuneżija għandhom jivvalutaw is-sitwazzjoni biex jistabbilixxu l-miżuri ta' liberalizzazzjoni li għandhom ikunu applikati miż-żewġ Partijiet Kontraenti b'effett mill-1 ta' Jannar 2001.
- (3) Il-Komunità u r-Repubblika tat-Tuneżija ftehm li jemendaw il-Protokoll Nru 1 u 3 tal-Ftehim permezz ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri. Dan il-Ftehim għandu jkun approvat.
- (4) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom ikunu adattati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipreskrivi l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ⁽²⁾,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija dwar miżuri ta' liberalizzazzjoni

reċiproċi u emendi għall-Protokoll ta' l-Agrikultura fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KE/Tuneżija huwa hawnhekk approvat fisem il-Komunità.

It-test ta' dan il-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tat-Tmexxija għaċ-Ċereali stabbilit bl-Artikolu 23 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq f'ċereali ⁽³⁾ jew, fejn xieraq, minn kumitati stabbiliti bid-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' regolamenti oħra fuq l-organizzazzjoni komuni tas-swieq jew mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali stabbilit bl-Artikolu 248a tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju ⁽⁴⁾.

2. Meta ssir riferenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 sa 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perjodu taż-żmien preskritt fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun stabbilit għal xahar.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar persuna li jkollha s-setgħa li tiffirma l-Ftehim biex torbot il-Komunità.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 2000.

*Għall-Kunsill**Il-President*

D. VOYNET

⁽¹⁾ ĠU L 97, tat-30.3.1998, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 184, 17.07.99, p. 23.

⁽³⁾ ĠU L 181, ta' l-1.7.1992, p. 21. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1666/2000 (ĠU L 193, tad-29.7.2000, p. 37).

⁽⁴⁾ ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.